



16.12.2011

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0093/2011 ippreżentata minn Claude Coste, ta' nazzjonalità Franċiża, f'isem l-“Association contre les inondations, défense de l'eau et de l'environnement”, dwar it-trattament tan-nixxigħat tal-ilma tax-xita biex jiġu protetti l-ilmijiet tal-wiċċ fi Franza**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-Ministeru Franċiż għall-Ambjent irrifjuta t-talba tal-petizzjonant biex jilleġiżla għal trattament obligatorju tan-nixxigħat tal-ilmijiet tax-xita. Huwa jsemmi l-osservazzjoni tiegħu ta' iktar minn 50 sena ta' tniġġis li dejjem jiżdied tal-Baħar tal-Mediterran mill-oġġetti tal-plastik, li jiġu ttrasportati prinċipalment min-nixxigħat tal-ilma tax-xita minn komunitajiet upstream. Hu jixtieq li l-kostruzzjoni ta' baċiri għall-prevenzjoni tal-għargħar issir obligatorja sabiex dawn l-ilmijiet jiġu ffiltrati qabel ma jaslu fil-baħar.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-3 ta' Mejju 2011. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-16 ta' Diċembru 2011

Il-Kummissjoni tixtied tindika li l-protezzjoni tal-ambjent tal-ilma f'żoni kostali u marittimi diġà huwa kopert minn strumenti leġiżlattivi tal-UE, bħal ma hija d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma<sup>1</sup> u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina<sup>2</sup>. L-Istati Membri huma obbligati jieħdu

<sup>1</sup> Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, ĠU L 327, 22.12.2000

<sup>2</sup> Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija

miżuri xierqa biex jiżguraw li l-ilmijiet marini kkonċernati jilħqu status tajjeb sad-dati ta' skadenza stipulati mid-direttivi.

Direttivi oħra jinkludu, addizzjonalment, dispożizzjonijiet partikolari rigward il-preokkupazzjonijiet imsemmija mill-petizzjonant: l-iskart taż-żoni urbani li jaasal sal-kosta wara li tkun għamlet xita qawwija.

Skont id-Direttiva dwar l-Għargħar<sup>1</sup>, pereżempju, għandhom jittieħdu miżuri mill-Istati Membri biex jevalwaw u jimmaniġġjaw ir-riskju biex jiġu evitati każijiet fejn l-għargħar jagħmel ħsara fin-naħa ta' isfel tax-xmara.

Fir-rigward tal-ilma mormi, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi<sup>2</sup> tesiġi li l-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi tal-ilma mormi jkunu ddisinnjati, mibnija u miżmuma b'mod li, inter alia, jiġi limitat it-tniġġis tal-ilma li jilqa' ilmijiet oħra minħabba l-widien tal-ilma waqt maltempati. Fil-każ ta' sitwazzjoni fejn tinżel xita qawwija b'mod mhux normali, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar miżuri partikolari biex jillimitaw tali tniġġis (Anness I, A u B)

Skond id-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f' Terraferma<sup>3</sup>, meta jiġi deċiż fejn titpoġġa landfill, wieħed għandu jikkunsidra ħtiġijiet relatati, inter alia, mal-eżistenza ta' ilmijiet kostali fiż-żona, kif ukoll ir-riskju ta' għargħar. Landfill tista' tiġi awtorizzata biss jekk il-karatteristiċi tas-sit jindikaw li l-landfill ma tippreżentaz riskju ambjentali serju (Anness I, punt 1).

## Konklużjoni

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-problemi li qajjem il-petizzjonant jiġu indirizzati aħjar permezz ta' implimentazzjoni xierqa tal-politiki u l-miżuri tal-UE attwalment fis-seħħ. Il-Kummissjonima ma għandhiex il-ħsieb li ttipponi strumenti addizzjonali biex tkopri l-impatt ambjentali tal-widien tal-ilma minħabba maltempati.

---

Marina), ĠU L 164, 25.6.2008

<sup>1</sup> Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar ta' riskji tal-għargħar, ĠU L 288, 6.11.2007

<sup>2</sup> Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 rigward it-trattament tal-ilma mormi, *ĠUL* 135, 30.5.1991

<sup>3</sup> **Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma**, *ĠUL* 182, 16.07.1999